Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,426, 23 ta' Ġunju, 2020
Taqsima B

A.L. 257 tal-2020

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI (KAP. 399)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar *Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali) (Emenda Nru 4)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 tal-Att biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi, il-Ministru responsabbli għal komunikazzjoni wara konsultazzjoni mal-Ministru għall-Finanzi u l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali) (Emenda Nru 4), u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar in-*Networks* u Servizzi ta' Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Ġenerali), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S.399.28.

Jemenda t-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. Fit-Taqsima Ċ tat-Tmien Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (b) għandu jiżdied dan li ġej:

"(ċ) In-numri fil-firxa tan-numru '4' ħlief dawk in-numri li l-Ministru jista', wara li jikkonsulta ma' jew fuq il-parir tal-Awtorità, minn żmien għal żmien jistabbilixxi b'ordni fil-Gazzetta	€700 kull blokka ta' numri allokati ta' 100,000 numru;".	għal